sem, inxeħtu fi ħdan xulxin, xofftejn Pawlu twaħħlu ma' xofftejn Francesca u t-tnejn imregħdin taw il-bewsa ta' l-imħabba... l-ewwel u l-aħħar... it-tnejn mietu taħt id-daqqiet tax-xafra mgħarrin f'demmhom! Galeotto kien il-ħtija ta' Lancellotti u Ginevra u Galeotto kien il-ktieb għal Pawlu u Francesca, li kien il-ħtija li sabu ruħhom f'dik il-qagħda tant imwiegħra fl-abbissi nfernali!...

Waqt li Francesca kienet qiegħda tirrakkonta mbikkija, Pawlu ċagħad jisma' il-ħin kollu b'ċerta rassenjazzjoni, u Dante, tant ħass ħniena għalihom it-tnejn b'mod li ħassu bħal qiegħed imut u f'waqt storda u nstabat ma' l-art bħalma jaqa' ġisem bla ruħ.

---

## ĦBIBERIJA

*Ta' VAL. V. BARBARA, O.P.*

Wisa', beraħ,
waħdi, ċkejken,
duda fl-immensità.
Qaws ikħal, bla tarf, fuq rasi,
deżert, bla qies, ta' ramel taħti,
dawl, dawl, dawl.
U nghix, nifhem, irrid!
bħalek — għax nifs minn Ħajtek!
Għad li bejnietna l-Bgħid,
Sidi, Sultan, Mulejja,
Setgħa, Sbuħija, Ġid,
għaraft kemm inħobbok.

Imma
fid-daħka qarsa ta' min qarraq bija,
f'uġigħ il-qalb, fil-biża' u l-waħx tar-ruħ,
fid-dagħwa ħadra mrażżna,
fid-dubju, eħrex mid-dagħwa,
f'xifer l-għammieq ta' deh'n mingħajr twemmin,
mill-morsa ta' idek li twieżen
— xaqq dawl, irqiq daqs ħajta,
jaqta' b'sikkina d-dalma tat-taqbida —
Alla, Missier,
Tjubija li tħaddan,
għaraft kemm ninħabbu.

4.12.1966.



92\. *ŻAQQ IN-NAGĦĠA TA' GĦAWDEX* jew *DENB IN-NAGĦĠA* — Għeneb tajjeb għall-għesir.

93\. *ŻEBBUĠIJA jew DIELJA TA' ZAMMIT GAUCI* — Ikkultivata l-ewwel darba minn Zammit Gauci, f'Ħaż-Żebbuġ, kif ukoll f'xi bnadijiet oħra mħabba l-kwalità tajba tad-dielja. Għeneb tajjeb għall-ikel u għall-għesir.

**TMIEM.**

---

## QIEGĦED JIDLAM

***Ta' JOE MEJLAK***

Il-jum intemm u għadda
Se nerġgħu għall-mistrieħ,
Id-dlam qed jaqa' ġmielu,
Qed jgħib id-dawl sabiħ.

Wara ġurnata sħiħa
Ta' xogħol u ta' stinkar
Taraħ il-ħaddiem biezel
Jirtira lejn id-dar.

Ix-xemx ukoll qed taħseb
Biex tgħib wara l-għoljiet;
L-għasafar qed jittajru
Ilkoll għal ġol-bejtiet.

Fil-beraħ tisma' l-għajta
Ta' kelb għassies fil-bogħod;
Qanpiena ta' xi knisja
Iddoqq ħelu bil-mod.

Il-leħen ta' flejguta
Issejjaħ il-merħliet —
In-nagħaġ u l-mogħoż imxerrda
Fl-egħlieqi bil-mijjiet.

U l-għanja ta' xi bidwi
Ittemm is-sinfonija
Li qed tikser il-ħemda
U s-skiet ta' fil-għaxija.

Fl-ibliet in-nies qed tlesti
Għas-swali tax-xalar:
Hawnhekk tintemm il-għodwa
Tal-ħlejjaq kbar u żgħar.

Is-sema mtela kwiekeb
Ipetptu bla waqfien;
Il-bozoz fit-triq xegħlu
U dawlu kullimkien.

Il-qamar twil u isfar
Għaqqad dehra sabiħa.
Ftit ilu tond bħal rota
Illum felli bittieħa.

Issa l-lejl daħal ġmielu,
Qed jingħi barra r-riħ;
In-nies sigħat qed jgħaddu
Ta' paċi w ta' mistrieħ.